# Is-Sibi u s-Sibbien fl-istorja tal-Mosta

## STORJA, FOLKLOR U LETTERATURA
## L-GĦARUSA TAL-MOSTA U X-XEBBA TA' WIED L-ISPERANZA

*Copyright All Rights Reserved 2001*

*minn Anthony Camilleri* B.A.(HONS), DIP. ED. (ADMIN. & MGMT)

**L-aħħar artiklu li kiteb Anthony Camelleri qabel mewtu li ġrat fl-4 ta' Mejju, 2001. Ara paġna 109**

*Il-piraterija fil-Mediterran dejjem kienet industrija qadima daqs l-istorja. F'l-ahhar tas-snin tas-seklu hmistax il-protagonisti prinċipali tal-piraterija kienu l-Insara bla tebgha u bla biża'. Min-naha l-ohra ghal tmien is-seklu tlettax il-piraterija ġa kellha karatteristiċi u kodiċi li ma kenux skond il-Koran. Minkejja li fl-isem l-ghajta kienet tan-Nofs Qamar kontra s-Salib, kien hemm skop wiesa' hafna ghall-piraterija u mhux ghaġeb li kulhadd qabbel kif qabillu fiċ-ċirkostanzi.*

**Il-pirati** u l-kursari kienu konsegwenza loġika tal-bahar, issawru mill-bahar u ssahhew biex jisirqu halli jaghmlu tajjeb ghan-nuqqasijiet ta' l-artijiet aridi u muntanjużi, nieqsa mir-riżorsi naturali, li minnhom kienu ġejjin. Malta kienet imdawra bil-bahar, fil-qalba tat-taqbida u fortizza mill-1530 sal-1798 ta' l-Ordni rinomat tal-Kavallieri ta' San Ġwann, ordni gwerrier, ordni rispettat. Kien imissha sikwit idduq il-qares tal-furbani. Ix-xtut kienu mharsa mill-milizzja u b'torrijiet iżda dan ma jfissirx li l-kursari ma kenux jippenetraw 'il ġewwa bil-hila tal-pjanijiet taghhom. Inżul tipiku u frekwenti kien isir fis-Salini. Il-furbani kienu aktarx jaqbdu t-triq ta' Wied il-Ghasel u b'hekk jidhlu sal-Mosta u possibbilment taht l-Imdina jekk kellhom ghaliex. Il-ballata ta' l-Gharusa tal-Mosta u l-leġġenda semi-storika tax-xebba li helset mill-kursari billi stahbat fl-ghar tal-Wied ta' l-Isperanza fejn wara tellghet knisja jsemmu s-Salini u Wied il-Ghasel. Il-Mosta kienet miftuha ghall-attakk. Kull ghajnuna li ma tiġix minn dawk miktubin fil-lista tal-milizzja tar-rahal kienet tiġi mill-forzi Maltin fl-Imdina.

Il-pirati ta' l-Afrika ta' Fuq, maghrufin bhala kursari, kienu rappreżentati fil-letteratura antika fl-**Odissea, L-Iljieli Gharbin u Robinson Crusoe.** Il-kursari kienu prinċipalment Berberi. F'Algiers u Tunis kien hemm kaptani li jikkmandaw xwieni fornuti minn negozjanti sinjuri. Dawn kienu jiehdu ghaxra fil-mija tal-qabda tal-kursari. Il-pirati kienu jużaw xwieni sal-bidu tas-seklu dsatax meta Simon Danser, renegad Fjamming, ghallimhom il-vantaġġ ta' iġfna bil-qlugh bhalma kellhom l-Insara.

➥ ikompli paġna 63

GAUDA 192

192, MAIN STREET, MOSTA TEL: 434846

TOP QUALITY
BOTTOM PRICES
EVERYDAY

# Is-Sibi u s-Sibbien fl-istorja tal-Mosta

➡ minn paġna 62

Il-piraterija fl-Afrika ta' Fuq kellha bidu antik ħafna fi żmien ir-Rumani. Il-piraterija kellha sinifikat politiku kbir fis-seklu sittax. L-aktar li spikka kien Barbarone, li għaqqad l-Alġerija u t-Tuneżija. Fl-1609 waslu f'Rabat u Tetouan gruppi qawwija ta' Mori u dawn saru ċentru ġdid għall-pirati.

Fis-seklu sbatax il-pirati Alġerini u Tuneżini għaqqdu l-qawwiet tagħhom u sal-1650 aktar minn 30,000 ilsir kienu mixħuta fil-ħabs fl-Algiers.

Ma jfissirx li ma kenitx teżisti piraterija qabel ir-Rumani. Infatti wieħed mill-eqdem dokumenti, skrizzjoni fuq tavoletta tat-tafal, li tiddeskrivi l-pirati teħodna lura sa żmien Pharo Echnaton (1350 Q.K.). Ir-rapport isemmi attakki minn iġfna li kienu jikkummerċjaw ma' Feniċja u Anatolja. Teżisti xhieda epigrafika dwar il-piraterija: fost oħrajn fis-snin 3400 Q.K. Ateni onorat lil Cleomis, tirann ta' Methymna f'Lesbos, talli heles għadd ta' Atenjani li nqabdu mill-pirati.

L-**Aethiopica,** rumanz antik ta' Heliodorus ta' Emesa, tielet seklu wara Kristu, jirrakkonta storja ta' prinċipessa Etjopika u prinċep Thessalonjan li jkollhom jgħaddu minn sensiela ta' perikli, fosthom battalji, vjaġġi, piraterija, sekwestru, serq u tortura qabel jiżżewġu f'art l-eroina. Polycrates, tirann Grieg, kellu 100 ġifen biex imexxi l-piraterija u kien magħdud bħala l-agħar pirata.

L-aktar rikonoxxuti fost il-kursari kienu dawk tal-kosta ta' Barbarija fl-Afrika ta' Fuq. Ħafna kursari kienu awtorizzati mill-gvernijiet biex jieħdu bi priża dak li jsibu fl-ilmijiet marittimi ta' pajjiżi Nsara. Il-kursari Maltin mexxew il-ġlieda kontra t-Torok u kienu mmexxija mill-Kavallieri ta' San Ġwann. Fil-bidu l-kursari Maltin iġġieldu għar-reliġjon, iżda wara xi żmien il-ġid li kien jidħol mill-piraterija għammxilhom għajnejhom. Maż-żmien saru pirati f'kull sens u l-ideali reliġjużi twarrbu u ntesew.

Privatier kien pirata kkummissjonat jew kellu ittra ta' **marque** mill-gvern biex jaħtaf jew jeqred l-iġfna ta' nazzjon ieħor. Fit-teorija ebda privatier ma seta' jiġi mfittex bil-liġi. Infatti dawn kienu rokonoxxuti mil-liġi internazzjonali. Iżda spiss ġara li nazzjonijiet li sofrew mill-atti tal-privatiera kkastigawhom. Meta jidħol fil-port privatier kellu jniżżel il-priża l-art għall-ispezzjon biex jiġi aċċertat li dik kienet qabda legali.

## Ġlied u Kuntatti

Il-kuntatti bejn il-mexxejja tan-nazzjonijiet u gruppi rivali kienu jsiru permezz ta' l-aġenti tagħhom b'mod ċivili, ħaġa li kienet nieqsa meta l-pirati u l-kursari kienu jitqabdu kontra xulxin fil-Baħar Mediterran. Kienet teżisti ċerta relazzjoni diplomatika u kultant ħbiberija personali. Kultant l-affarijiet imorru żmerċ, kultant jirnexxu.

Il-kummerċ Venezjan fil-Mediterran kien imfixkel bis-sħiħ mill-ħbit tal-kursari Berberi tal-Magreb. Dawn suppost li kienu kkontrollati mill-Porte Sublime imma kienu jagħmlu kif jaqblilhom. Fl-1750 is-sari lminta li il-pirati kienu qed iżidu l-armi tagħhom, it-telfien ta' merkanzija kiber iżżejjed u l-vapuri Venezjani kellhom jew joqogħdu fil-port jew jonfqu ħafna flus biex jiddefendu ruħhom aħjar, inkella jikkuntentaw jitilfu l-vapuri u jħammru wiċċ Venezja bil-misthija. Delegazzjonijiet diplomatiċi marru l-Algiers, Tunis, Tripli u l-Marokk bejn l-1761 u l-1765 biex jikkonkludu ftehim u

➡ ikompli paġna 64

Dolcezza

Caterers for all occasions

Dolceria and Cafeteria

172, Main Street, Mosta Tel. 430494

Jixtieq il-Festa t-Tajba lill-Mostin kollha

# Is-Sibi u s-Sibbien fl-istorja tal-Mosta

➡ minn paġna 63

trattati. Il-Venezjani kellhom iħallsu l-flejjes kbar biex jaslu fi ftehim. Il-Bej ta' Tripli holoq aktar inċidenti u Jacopo Nani mar jehodha kontrieh. Il-Bej malajr ftiehem ma' Nani. Dan il-pass ta kunfidenza ikbar lil Venezja u n-numru tal-vapuri tela' minn 40 ghal 303 fl-1774 u wara ghal 405.

Min-naha l-ohra kien hemm żminijiet ta' waqfien mill-ġlied meta iġfna tal-Magreb kienu jinghataw kondotti ta' salvagwardja basta ma jidhlux fil-Port il-Kbir bil-bandiera Torka, biex ibighu laham, tamal, sapun, ġobon, galletti u provvisti ohra. 2

Il-Professur Ettore Rossi kiteb li, meta hadet it-tmexxija d-dinastja tal-Caramanli, ir-relazzjonijiet bejnhom u bejn il-Gran Mastri kienu fuq livell personali ta' hbieb u kienu jaghtu l-awguri lil xulxin u jehilsu l-ilsiera. 3 Fl-1788 il-Gran Mastru baghat lit-tabib ta' l-Ordni Dr Giuseppe Demarco biex jikkura lill-Paxà. Il-Bejs ta' Benghazi u Derna wkoll kienu f'kuntatt ma' Malta u fl-istess żmien iċ-Ċirenajka bdiet tibghat provvisti ta' ikel bi tpartit ghal oġġetti mibghuta minn Malta. 4

Dan it-tahlit donnu ghandu eku fi tradizzjoni-leġġenda rrekordjata minn Patri E. Magri S.J. minn fomm il-Mostin, in-Naxxarin, iż-Żebbuġin ta' Malta u l-abitanti ta' Ta' Sannat, ix-Xaghra, Ta' Kerċem, in-Nadur u r-Rabat t'Ghawdex. It-Tuneżini kienu jfakkru lill-Maltin li huma kellhom l-antenati taghhom mis-Sirja fit-Tuneżija u ghalhekk il-Berberi Tuneżini kienu jiġu mill-Maltin. Hawn il-Maltija ghandhom sehemhom f'din l-art. 5 Finotti kiteb fl-1856 li fil-Lvant ta' Tunis it-tribù Oulad Said kienet tghid li l-Maltin huma dixxendenti diretti ta' l-antenati taghhom. 6

Fil-bilanċ shih tas-sitwazzjoni ta' l-ilsiera f'Malta fis-sekli sbatax u tmintax insibu li kien ikun hawn medja ta' 2000-2500 minn żmien ghal żmien. Bejn erbghin u hamsa u erbghin fil-mija kienu Mori. L-ohrajn kienu Torok, Lhud jew suwed. Fl-ahhar 75 sena tat-tmexxija ta' l-Ordni ta' San Ġwann kienu nqabdu jew ġew impurtati 9600 ilsir u lsira. Daqstant kienet kbira t-tebgha, daqstant harxa u abominabbli, il-pjaga tal-jasar, illustrazzjoni ċara ta' dak li fehem fost bosta forom ta' jasar il-poeta Ingliż Alexander Pope meta kiteb dwar **"Man's inhumanity to man." Il-Mosta - Anno Domini 1526**

L-ghanja ta' l-Gharusa tal-Mosta hi wahda mill-ghanjiet l-aktar mahbubin tal-ġens Malti. Minkejja l-hemm li żar lill-gharusa, lil familtha u lill-Mosta, fiha hemm sentimenti ta' tieba mis-sid lejn l-ilsir li kellu jispiċċa jiċhadhom u jixhithom f'tant imrar li fl-ahhar wassal ghall-qerda taghhom. Kien sakeġġ mill-kursar abbli u distint Raies Sinèn. Ghall-istoriċità tal-fatt induru l-ewwel lejn il-**MS 1146** Vol. I fil-Bibblijoteka Nazzjonali ta' Malta:

## 1526

"Ir-rahal tal-Mosta ġie ssakkeġġjat u misruq minn Raies Sinèn, kursar maghruf, b'xi xwieni. Niżżel in-nies tieghu s-Salini, ghadda minn Wied il-Ghasel bil-lejl u habat u qabad priġunieri madwar 400 rahli, barra dawk li nqatlu meta ppruvaw iharsu lilhom infushom. Seraq ukoll gharusa bil-mistednin kollha mżejnin. Sal-lum ghadu jinstema' l-ghana tal-ġrajja." 7

➡ ikompli paġna 66





Jupiter MARINE CENTRE
Constitution Street, Mosta
Tel: 412572 433204 Fax: 412399

# Is-Sibi u s-Sibbien fl-istorja tal-Mosta

➡ minn paġna 64

Dan ir-rakkont jinsab imniżżel kelma b'kelma b'xi żidiet ta' dettall fil-ktieb ta' Gio Francesco Abela, **Della Descrittione di Malta- Malta, MDCXLVII (1647), Libro Quarto, Notitia 1, p. 442.** Kien fatt li baqa' rreġistrat fil-forma ta' 'canzonette' matul iż-żmien u b'hekk l-awtentiċità tal-hrajja tieghu hi konfermata.

## Is-Sibi u l-Ħtif ta' l-Gharajjes

Meta ahna nahsbu fil-jasar ta' missirijietna minghalina li tip wiehed biss kien hawn ghax lilna kien jolqotna prattikament il-jasar f'idejn it-Torok u popli fl-imperu taghhom bhall-Berberi ta' l-Afrika ta' Fuq. Fil-Mediterran kien hawn diversi popli li tawha ghas-sibi. Fatt li ġara lejn l-ahhar ta' l-ewwel millennju kien meta n-Narentini serqu gharajjes nisa fl-okkażjoni ta' tieġ tal-massa f'Santa Maria Formosa fid-946 jew 948 W.K. Dan il-fatt ifakkarna fil-htif tan-nisa Sabini fi żmien l-era Rumana. Kienu nasbiet premeditati. Ghall-predaturi kienet haġa xierqa u propizzjuża li jahtfu nisa dakinhar taż-żwieġ.

## L'Italiana in Algeri (Gioacchino Rossini)

Eqreb lejna fiż-żmien lejn tarf il-jasar fil-Mediterran insibu fatti ohra li jfakkru fis-serq ta' nisa.

L-opra lirika miktuba minn Angelo Annelli minn Desenzano u mmużikata minn Gioacchino Rossini, hi msejsa fuq fatt li ġara tassew. Kienet sinjura Milaniża fuq taghha, Antonietta Frapolli, wahda minn dawk in-nisa li Chopin kien jara s-seher jiżżerżaq ma' dmugh ghajnejhom, jew lil De Musset iġġaghlu jesklama: "elle avait les yeux des sphinx, terribles, si grands, si grands, si grands!".

Fl-1805 kienet il-protagonista ta' avventura traġikoromantika meta nhatfet minn kursari Alġerini fil-bahar bejn Sqallija u Sardinja u ghexet ghal xi żmien fil-harem tal-Bej ta' Algiers ghax kienu tawhielu b'rigal. Frapolli kienet taf issahhar lill-Bej ghal warajha. Kif kiteb Anelli fil-librett ta' l-opra:

"Le femmine d'Italia
son disinvolti e scaltre
e sanno più dell'altre,
l'arte di farsi amar".

Don Giovanni Bazzetta, li kien fil-gvern tal-Lombardija, kiteb li l-Gvern kien ha interess u pprova jirriskatta lil Antonietta Frapolli iżda minghajr suċċess. Kien wara xi żmien li reġghet lura pajjiżha. Kif u min helisha hadd ma jaf. Skond wahda li kienet tafha ġiet minghajr hlas ta' riskatt.

## Sinjorina de Rivery

Mara ohra li waqghet f'idejn il-kursari kienet is-Sinjorina de Rivery. Kienet tbahhar fil-Mediterran meta l-vapur li kienet fuqu wasal biex jeghreq. Vapur Spanjol salva lill-passiġġeri imma meta wasal biex jidhol fid-destinazzjoni tieghu ġie attakkat u mehud minn kursari Alġerini. Peress li kienet mara sabiha offrewha lill-Bej ta' Algiers. Biex jithabbeb mas-sultan ta' l-Alġerija l-Bej offrihielu.

Issa n-nisa Ewropej u bojod kienu jġibu hafna flus fis-swieq ta' l-iskjavi ta' l-Orjent u tal-Magreb. Tfajla Franċiża nbieghet ghal 200,000 lira Taljana ta' dak iż-żmien. Dawn in-nisa u tfajliet kienu rigal u merkanzija prezzjuża u

➡ ikompli paġna 67

ANDREW VELLA
ALUMINIUM WORKS
(known as Oscar)
*For all kinds in Aluminium Works*
Triq in-Naġġar, Mosta Tel: 414108 Mobile: 09862647

Best bib and Tucker
Christening wear, Confirmation Suits, Formal and Casual wear for babies, Children and Juniors, you find also socks, underwear and swimwear
69A, Eucharistic Congress Road, MostaTel: 419132
*All this for reasonable Prices!*

# Is-Sibi u s-Sibbien fl-istorja tal-Mosta

➡ minn paġna 66

magħżula, l-istess kif kienu n-nisa Moreski u oħrajn ġejjin mill-Orjent għal Venezja repubblikana.

Fis-seklu sittax in-numru ta' lsiera Ewropej kien jgħodd aktar minn 36,000 fit-Tuneżija. Fl-Alġerija kien hemm 25,000 priġunier Ewropew, li minnhom 2000 kienu nisa. F'Tunis kien hemm 700, f'Salè 1500 u fi Tripli 500. Il-postijiet fejn kienu miżmuma l-ilsiera kienu jissejħu banji.

It-traffiku ta' l-ilsiera nisa bojod għall-harems tas-sinjuri kien kbir. Prezzhom kien jitla' immens skond sbuħithom. X'uħud ġew mifdijin; oħrajn sabu post tajjeb; uħud adattaw ruħhom għall-ħajja l-ġdida u arabizzaw u iżlamizzaw ruħhom; ħafna għexu fil-misthija u d-dulur.

Ġrajjiet ta' serq u sakkeġġ mill-kursari ġew impittra. Druet esebixxa biċċa f'Pariġi fl-1914 bit-titlu **Marchand d'esclaves à la porte d'un serail.**

Johan d'Ivrai f'**Memorie dell'eunuco Bechir-Aga** jsemmi nisa Torok ta' demm nobbli li tilfu posthom f'qalb sidien il-harems u posthom ħaduh is-sbejħin Ewropej. Kien hemm ġibda simili fl-ibliet Ewropej mill-bojod għan-nisa Mori ta' kulur iswed, li kienu jixegħlu l-fantasija b'romantiċiżmu u faxxinu.

## Mill-Istorja Kastiljana: Iż-Żwieġ u Materji Relatati

Wieħed irid jagħti daqqa t'għajn anke lejn iż-żwieġ u drawwiet oħra li kellhom x'jaqsmu bejn is-sessi. Fis-soċjetà urbana ta' Kastilja tas-sekli tnax u erbatax, nghidu aħna, l-irġiel li riedu jiżżewġu b'mod rispettabbli fi ħdan familja sinjura: riedu huma stess ikunu nies li jaħdmu u għandhom ambizzjoni biex jikbru u jinfirxu. Min kien inqas ixxurtjat kien ikollu ċans isib sieħba inqas dotata. Filwaqt li dawk li kellhom xorta jiżżewġu f'tat-tajjeb kellhom forma fissa tradizzjonali li jitolbu, jikkonsentu, jitgħarrsu u jiżżewġu, l-oħrajn kienu jew joqogħdu f'konkubinaġġ, li kien legali u mfittex ġmielu, jew li jisraq xebba, att li tal-familja tagħha ma kenux japprovaw u għalhekk ukoll att li jitpatta bl-għoti tal-mewt għal min iwettqu.

Fost il-Visigoti wkoll is-serq ta' mara biex issir mart xi ħadd kien att illegali. **Raptus** kien mezz kif wieħed jappropija ruħu ħażin minn bint jew armla biex jiżżewwigħa. L-istupru (rape) kien reat li jaggrava s-serqa iżda mhux essenzjali biex il-kriminal jingħata kastig. Kien iwassal saħansitra biex wieħed jinxteħet il-ħabs, jissawwat bil-frosta u jitteħidlu l-ġid b'konfiska. Min jieħu b'serq mara mgħarrsa kien jingħata l-mewt. Raġel li kien ifalli li jieħu mara fl-ewwel attentat tiegħu kien jinqatel mat-tieni darba li jipprova. Tfajla li tmur għand raġel li l-familja tagħha kienet ġabitha lura mingħandu kienet tiffaċċa dawn il-pieni wkoll.

Kien hemm żewġ toroq li wieħed seta' juża biex, mingħajr ksur tal-liġi, jasal għall-iskop tiegħu. Jekk il-mara misruqa kienet tibqa' mal-ħalliel, il-familja tagħha setgħet tidħol f'negozjati biex isir iż-żwieġ. Alternattiva kienet li mara titlaq baxx baxx u mbagħad titlob lill-familja għall-kunsens biex tista' tiżżewġu. F'dan il-każ ma jkunx hawn sitwazzjoni ta' serq ta' persuna u ebda reat kriminali. Filwaqt li f'ħafna postijiet min jistupra mara kien jiffaċċja sanzjonijiet varji, f'Aragona u Navarra kien mistenni li jiżżewwigħa. Fi żmien ir-Rikonkwista żviluppaw ħafna prattiki ta' inizjattivi matri-

➡ ikompli paġna 68


LAGUNA
SEGA
Filling Station
Parts
and
Accessories
Prop E. Zammit




# Is-Sibi u s-Sibbien fl-istorja tal-Mosta

➡ minn paġna 67

monjali irregolari kemm mill-irġiel u kemm min-nisa. Is-serq u l-harba ta' mara, flimkien mas-seduzzjoni u l-istupru, żviluppaw tip speċifiku ta' proċedura medjevali dwar kif l-irġiel u n-nisa jaghtu attenzjoni lil xulxin bi hsieb ta' żwieġ.

Biex jinkuraġġixxu nies joqoghdu fl-artijiet depopulati taghhom mexxejja diversi eżentaw mill-pieni ta' **rausum, rauso, roxo, rosse**, kollha varjanti ta' **raptus.** Id-djoċesijiet ta' Santiago, Orviedo, Lèon, Zamora u Salamanca ta' spiss helsu mill-hlas tal-miżati ghal rausum lil min issetilja hemm. Tard fis-seklu disgha r-Re Ordono I ghamel l-istess. Fil-bidu tas-seklu hdax Alfonso V heles lir-residenti ta' Leon, il-kapitali tieghu, mill-multi tas-sinjorija u żammhom riżervati ghalih. Kellha l-problemi taghha din il-konċessjoni ghax hafna qattiela u kriminali setghu joperaw b'mod hieles. Ġabet maghha l-vendetta privata. Il-kaxxa rjali billet sebghajha sew mill-multi li halliet ghaliha nnifisha. Dak li ġara fl-1222 f'Dan Romn de Hornija qrib Toro juri kemm il-ġustizzja u l-forzi madwarha ma kenux jinteressawhom tant ir-reat kontra u l-tbatija tal-familja misruqa u kellhom hsiebhom l-aktar fil-multi li jdahhlu. L-abbati ddikjara li r-re approva rossum l-istess f'każ ta' mara miġjuba minn post iehor iżda kienu mehtieġa proċeduri legali f'każ ta' mara misruqa, bejn min seraqha u familtha.

Il-ġlied bejn Insara u Misilmin u Nsara bejniethom wassal biex hafna rġiel jithallew jimpurtaw nisa fiz-zoni tal-gwerra. Hafna minn dawn l-irġiel kienu kriminali maghrufin ghall-qtil. B'hekk fis-sekli tnax u tlettax fi Spanja l-bliet li kienu fil-proċess li jiġu kolonizzati kienu jirċievu dan it-tip ta' raġel li kkonvinċa mara jew seraqha biex jiżżewwiġha. Il-liġi mhux biss kienet tqis lill-mara bhala biċċa merkanzija iżda kienet tippermetti forom ta' kondotta tassew degradanti ghaċ-ċiviltà kif nixtequha ahna.

## Franza

Iż-żwieġ fil-Medju Evu ma kienx l-istess ghan-nisa bhalma hu llum. Il-mara ma kellhiex ghażla lil min tiżżewweġ. Kultant l-irġiel setghu jaghżlu l-gharusa. Iż-żwieġ ma kienx ibbażat fuq l-imhabba. Il-mara u r-raġel kienu stranġieri ghall-ewwel. Jekk żviluppat xi mhabba din ġrat fiż-żwieġ tul il-medda taż-żmien. L-arranġamenti ghaż-żwieġ kienu jsiru mill-ġenituri ta' dawk li jiżżewġu. Iż-żwieġ kien isir ta' età żghira. Il-bniet kienu jkunu żghar sa 12-il sena u s-subien ta' 17. Il-familja tat-tifla taghti dota lit-tifel li kienet ser tiżżewweġ. "Filwaqt li l-istupru, is-serq ta' eredi u żwieġijiet sigrieti kienu projbiti bil-liġi sal-1797, id-drawwiet medjevali kienu jinkoraġġixxu lill-irġiel isawtu lil marthom regolarment. Il-kodiċi tas-seklu tlettax fi Franza, Użanzi ta' Beavais, kien jaghti parir li l-irġiel jistghu jkunu skużati ghall-ferimenti li jikkaġunaw lil marthom, u l-liġi ma kellhiex tindahal. Sakemm ma joqtolhiex jew jimmankaha, kien legali li r-raġel isawwat lil martu". 9

Liġi Spanjola ta' l-istess żmien kienet tippermetti lill-irġiel joqtlu lil gharusthom jew marthom jekk kienu jissuspettawhom b'adulterju. L-unur tar-raġel u l-integrità tieghu b'hekk kienu jisfaw imtappna u ghalhekk seta' joqtol ukoll lill-mahbub imsejken minghar ma jkollu akkużi kriminali ma' xiex ihabbat wiċċu.

➡ ikompli paġna 69




# Is-Sibi u s-Sibbien fl-istorja tal-Mosta

➡ minn paġna 68

Liġi Ingliża maghmula seklu wara kienet tippermetti li raġel 'jikkoreġi' lil martu bi kwalunkwe mezz li kien jidhirlu xieraq.

L-imhabba libertina dehret li dahlet bil-kant tat-Troubadours fi Franza fis-seklu tnax. Kif jikteb Gerard Zuchero f'Rosamonda, "Ghall-ewwel darba n-nies kitbu estensivament dwar l-imhabba, l-imhabba korteġġjana, l-imhabba adultera, l-imhabba tat-troubadours u kienu jitkellmu bid-dettall dwar dawn l-affarijiet. Id-Dama (Lady) hafna drabi spiċċat f'post gholi li ma setghetx tintlahaq. Ghall-ewwel darba l-mara (bhal din) lahqet l-istatus ta' raġel."

"It-Troubadours kienu jixbhu ghannejja Gharab, mhux biss fis-sentiment u l-karattru imma wkoll fl-istess forom tal-kant minstrel. Ċerti titli li dawn il-kantanti Provenzali taw lill-kanzunetti taghhom huma traduzzjoni ta' titli Gharab. [10] Joseph Campbell jghid fi **Creative Mythology** li l-poeżija tat-troubadours hi poeżija Ewropea arabizzata. Il-kult tad-Dama dahal fuq l-eżempju tal-predeċessur tieghu Gharbi. Din kienet l-istess ghanqbuta minsuġa mill-Indja sal-Ġappun lejn l-Gharabja, l-Ewropa u l-Afrika ta' Fuq.

## Leġġendi dwar Kursari

Il-flaġell tal-piraterija hu antik u dam jeżisti ghal hafna sekli. Ma jistghux jonqsu rakkonti u kitba li jfakkru fi ġrajjiethom imżewqa. Jekk kien hemm suġġett komuni, kantat mill-Britannja sa Kreta u minn Rabat sa Tripoli u l-Kajr dan kien żgur il-htif tax-xebbiet u l-gharajjes. Ġa mill-qedem Ruman baqa' jissemma l-episodju tal-htif tan-nisa Sabini fil-peninsula Taljana. Imqar pittura dwar is-suġġett, fit-termini u l-istill rinaxximentali, ghandna biex inkomplu nimmortalizzaw dan l-avveniment. Dan kien htif tal-massa, mhux ta' gharusa wahda biss.

F'**The Corsair** ta' Lord Byron, ippubblikata fl-1814, il-pirata kap Conrad irid jiddefendi l-gżira tieghu mill-Paxà. Ikun salvat minn Gulnare, l-iskjava kap tal-harem, li kienet ikkundannata ghall-mewt. Conrad jirrifjuta li joqtol lill-Paxà, att li jitwettaq minn Gulnare. Meta jerġa' lura fil-gżira tieghu jsib li gharustu Medora mietet ghax kienet qalulha li miet. Din l-istorja saret opra fi tliet atti minn Giuseppe Verdi b'test ta' Piave. Opri simili ġew immużikati minn Pacini (1831), Bronsart (1875) u Marracino (1900). [11]

Poeżija ohra ta' Lord Byron hi **The Giaour** (1813). L-iskjava Leila thobb Nisrani, eroj verament Byroniku. Ghalhekk sidha Hassan jorbotha u jixhitha l-bahar. In-Nisrani (Giaour hekk tfisser) jivvendika mewtha billi joqtol lil Hassan, imbaghad bin-niket u r-rimors jidhol f'monasteru.

Ir-rumanz maghruf **The Bride of Lamermoor** (1819) jirrakkonta l-ġrajja ta' Luċija, bint il-qattiel ta' missier Ravenswood. Hi tibda thobbu lil Ravenswood wara li salva l-hajja ta' missierha. Lady Ashton iġġaghlha tiżżewweġ lil Laird ta' Buchlaw. Dak il-lejl stess Ravenswood jirritorna u Luċija toqtol lil żewġha. Luċija tiġġennen u tmut u Ravenswood jinbela' fl-art hu u sejjer ghal ġlieda.

Leġġenda ohra helwa hi **L'Isola della Fanciulla.** Tfajla tinhataf mill-pirati ta' Dragut. Ma riditx tiċhad il-Kristjaneżmu minkejja li ttorturawha. Meta ma rnexxilhomx xehtuha minn irdum ghal isfel fil-punt fejn qabduha, fil-punent tat-Torri ta' Pali.

➡ ikompli paġna 70



# Is-Sibi u s-Sibbien fl-istorja tal-Mosta

➡ minn paġna 69

### Klassifika

Hemm diversi modi kif wiehed jirreferi ghas-suġġetti u motifs tal-hrejjef tad-dinja. Wahda mill-klassifikazzjonijiet fl-użu akkademiku hi dik ta' Aarne u Thompson. Permezz taghha wiehed jista' jqabbel hwejjeġ, ballati u leġġendi minn madwar id-dinja kollha.

### Aarne-Thompson AT-312 u 312A

Il-leġġenda Tip AT-312 u 312A, bhal dik ta' Barba Blu minn Franza, miktuba minn Charles Perrault, titratta dwar mara li nhelset minn hutha subien li ndahlu kontra t-tirannija ta' żewġha jew dak li seraqhom. Wara hafna oppożizzjoni xebba tiżżewweġ lil Barba Blu. Tiskopri li qatel hafna nisa. Waqt li qed tistenna l-mewt, issejjah lil hutha, li jaslu żbrixx u jehilsuha. L-istess leġġenda hi rrakkuntata fil-Ġermanja.

L-istorja ta' Don Firriuleddu ġejja mill-Italja. Meta raġel tinsteraqlu bintu, jitlob li jkollu iben. L-iben jasal. Ta' tlitt ijiem it-tifel talab mantell u kelb biex imur ifittex 'l ohtu. 'L ohtu sabha u helisha mill-mostru, li spiċċa maqtul.

Mill-Indja taslilna l-leġġenda tat-Tfajla Brahmina li tiżżewweġ tigru. It-tigru jirnexxilu jiżżewweġ lit-tfajla u wara xahar ikun iridha biex jikolha. It-tfajla tiskopri l-ingann u tibghat messaġġ lit-tliet hutha subien biex jehilsuha mit-tigru, kif fil-fatt jaghmlu.

### AT-888

It-tip AT-888 jirrigwarda leġġendi li fihom nisa jehilsu lil żwieġhom. Minn Franza u l-Ġermanja taslilna l-hrafa ta' mart ir-re li, meta tisma' li żewġha qed il-habs, tmur biex tehilsu. Sa libset ta' Tork u hadet arpa biex tkanta l-ghanja li żewġha kien jaghrafha minnha żgur. L-istess ghamel Toni Manduca meta mar ghal gharustu. **Der Mann im Pflug** [12] f'**Deutsche Sagen** [13] hi xoghol ta' Jacob u Wilhelm Grimm.

Leġġenda tixxiebah hafna hi dik tal-kavallier Conrad von Tannenberg u martu Ann-Els. Il-kavallier iwieghed li jmur jiġġieled fl-Art Imqaddsa jekk martu tfiq. Hekk ġara. Wara xi snin martu semghet li kien f'habs Tork. Bhal tal-hrafa ta' qabilha libset ta' Tork u marret iddoqq l-arpa. Fiż-żewġ hrejjef hemm element qawwi ta' l-importanza li tinghata lill-kastità tan-nisa, qisha forza spiritwali. J.W. Wolf kiteb din il-hrafa f'**Conrad von Tannenberg**, Hessische Sagen. [14]

Hrafa fuq l-istess linji hi dik mir-Russja. Re jinqabad minn wiehed re krudil. Martu tilbes ta' ġuvnott li jdoqq ljut u tehilsu. [15]

Mill-klassiku Grieg imbaghad ghandna l-apoteosi tal-mara li lesta thalli hajjitha ghal Admetus. F'Ateni, u wara fi żmien ir-Rumani, Alcestis u Penelope, Andromache u Arete saru jirrapreżentaw il-'mara soffrona', mara li toffri ruhha liberament ghal haddiehor b'sagrifiċċju taghha stess. Fi kliem li jfakkarna x'ghamel Toni Manduca, naqraw fis-Simpożju ta' Plato li Phaedrus qal li Alcestis wahedha kienet lesta li tmut ghal żewġha, ghalkemm dan kellu lil missieru u 'l ommu hajjin.

### L-Gharusa tal-Mosta: Martri u Paragun tal-Virtù

B'dan l-isfond ta' whud fost il-klassiċi fl-istorja tal-mara tul iż-żminijiet , nghaddu biex nikkunsidraw l-istorja ta' l-gharusa kompajżana u diletta li żmien ilu ghaddiet mill-

➡ ikompli paġna 71


Dolceria Golosa

*specialising in fresh cream gateaux*

- We cater for private functions
- Fresh bread daily
- Selection of wines & spirits, biscuits, chocolate and Cream cakes

Opening hours Mondays– Sundays
Shop: 6, St Anne Street, Mosta
Tel: 413105
Factory: 7, St. Anthony Street,
San Ġwann SGN 05
Tel:/Fax: 386028 Mobile: 0942 1071

Hobby





Sport Shop
Kaċċa u Sajd

Prop: Martin Deguara
215, Main Street, Mosta
Tel: 432033
Mobile: 0947 6124

# Is-Sibi u s-Sibbien fl-istorja tal-Mosta

➡ minn paġna 70

infern ta' hajjitha meta kienet thejji ghal qamar il-ghasel taghha. Il-folklorista Ġużè Cassar Pullicino jaghtina fil-qosor kif ġiet l-ghanja. Jghidilna li l-ewwel ma dehret kelma b'kelma kien fl-**Archivio Glottologico Italiano** [16] mill-Professur Luigi Bonelli, li kien semaghha hawn Malta, aktarx minghand Annibale Preca. [17] Fl-1904, wara l-mewt ta' Preca, is-Sur Fons M. Galea hareġ il-ktieb ta' Preca **Malta Cananea,** li fih reġghet dehret l-ghanja. [18] Preca ha l-ghanja mill-manuskritt li tah habibu Dun Pawl Chetcuti mill-Mosta. Dun Pawl kien ha l-ghanja minn fomm zitu xiha. Cassar Pullicino kien żied żewġ strofi li sema' minghand ommu, li kienet semghethom minghand nannitha minn Hal Gharghur.



Il-knisja ta' l-Isperanza li taħtha hemm dak l-għar li staħbiet ix-xbejba mill-attakk tat-Torok

Dr Ettore Rossi kien jemmen li l-hrafa Maltija kienet varjanti ta' ohra rrakkontat f'Marsala fi Sqallija, li l-eroina taghha kien jisimha Scibilia Nobili. Il-verżjoni minn Sqallija kienet irrekordjata fi **Nuove Effemeridi Siciliane** (1874) ta' Salvatore Struppa. Kienu saru kummenti dwarha minn Bonfigli, Cocchiara, Michele Barbi u Salomone-Marino. Hemm verżjoni ohra rrekordjata minn Salomone-Marino f'**Leggende Popolari Siciliane** (1880). L-istorja tibda bil-harba ta' tfajla ma' kavallier u din tinqabad mill-kursari. It-tmiem hu simili bhal ta' qabilha.

Anton Cremona jfakkarna li l-ghanja nkitbet fi proża u poeżija minn diversi awturi. Dr Nicola Zammit kiteb ir-rumanz storiku **Angelica o La Sposa della Mosta** (1862), l-ewwel fi Strenna, imbaghad fil-perjodiku l-**Allegria** u wara f'ghamla ta' ktieb fl-1880. Traduzzjoni Maltija ta' Ġużè Muscat-Azzopardi ġiet ippubblikata fl-1878, riveduta fl-1900. Thomas Rowley kiteb **The Maid of Malta or the Musta Maid** fl-1913. Dr Gaetano Gauci Tramblett hareġ **Notte di Dolor** fl-1915. Kienet dehret **L-Gharusa tal-Mosta Ġrajja ta' Malt**a miktuba poeżija ghad-dilettanti fl-1931, kitba ta' Arturo Caruana. Biss it-72 stanza li fiha huma ta' livell medjokri.

## Il-Ġrajja

Kien it-Tnejn bil-lejl li nhatfet l-Gharusa tal-Mosta mit-Torri Kumbo, skond il-verżjoni ta' Dun Pawl Chetcuti mghoddija lil Annibale Preca. Is-serduk kien qed jidden, il-haddara kienu isfel u l-gharus fl-ghorfa.

F'Barbarija ppruvaw jaghmlu lill-gharusa Musulmana. Tawha tilbes it-turbant u l-ġobba flok l-ilbies Malti.

Lill-Paxà tawhielu b'rigal u riedu jistmawha u jifirhu biha, li kien ghalihom. Tawha mant, talbuha tomxot xagharha u newlulha l-muftieh biex tiekol u tixrob qabel tmur pajjiżha l-Mosta. Minghaliha li malli tmur dar ommha kienet tomxtilha xagharha u zijitha Kozza tidforhulha. Ma laqghetx l-offerta tal-Musulmani li ssir Sultana ta' Ġirba. Waqghet f'idejn l-Ibirba (Berbers) u ghalhekk kienet ilsira. Tawha l-hwejjeġ, is-senduq u s-sodda imma tweġibtha kienet biex imorru jghidu lil ommha li l-fidwa taghha kienet tammonta ghal seba' mija. Ommha u zijitha ppreferew ihallu l-flus fis-senduq filwaqt li l-gharus biegh l-ghalqa biex fdieha u raddha lura lil Malta.

## Il-Ġrajja skond ir-rumanza ta' Dr Nikola Zammit — Angelica

Angelica, xbejba ta' sbatax-il sena, sbejha u kapaċi, hi bint Giulio Cumbo, ġurat ta' l-Imdina. Hu bniedem sinjur u jghix fit-Torri Kumbo f'tarf ir-rahal tal-Mosta. Angelica hi mgharrsa ma' Toni Manduca, bin familja sinjura ta' l-Imdina. Matul il-lejl tal-25 ta' Awissu, 1526, lejlet iż-żwieġ, meta kulhadd kien miġbur mal-mistednin u x-xiehda ghall-ftehim dwar iż-żwieġ madwar in-nutar Ciappara fis-sala l-kbira, salt kursari hatfuhom. Kienu niżlu Burmarrad u bl-ghajnuna tat-traditur Haġġi Mulej, ilsir xih tal-familja

➡ ikompli paġna 72

S. DEBONO
JEWELLERS
Importers, Manufacturers & Retailers
Martin Naudi Manager
Gaetan Sammut Assistant
46, Constitution Street, Mosta Tel: 430475

# Is-Sibi u s-Sibbien fl-istorja tal-Mosta

➡ minn paġna 71

Cumbo, sabu tarf jidhlu fit-torri. Ix-xbejba ttiehdet Tripli fl-Istati Berberi u qeghduha fil-harem ta' Sidi Ali. Toni Manduca ġġennen bil-ghali iżda bl-ghajnuna ta' Lhudi u l-hxejjex mediċinali li tah, irkupra sahhtu. Wasallu taghrif fejn setghet kienet Angelica u mleflef fil-hwejjeġ ta' Berberu, ta' merkant tas-suf, mar ifittex lil gharustu. Angelica gharfitu meta semghetu jghanni ghanja qrib it-tieqa taghha. Bl-ghajnuna ta' Assena, bint is-Sultan, Toni rnexxielu johroġha mill-harem u jġibha lura Malta abbord bastiment Venezjan. Angelica ma damitx ma mietet u Toni dahal bahri max-xwieni ta' l-Ordni u miet f'battalja navali kontra t-Torok.

Dr Nicola Zammit ha spunt mill-istorja ta' Malta ta' Abela. Hekk missier Angelica jissejjah Giulio Cumbo, ġurat ta' l-epoka, filwaqt li l-gharusa x'aktarx li kienet tfajla fqira.

Il-MS 1146 fil-Bibblijoteka Nazzjonali ta' Malta jirreferi ghall-Gharusa tal-Mosta u jiddata l-ġrajja fl-1526. E.B. Vella kien l-ewwel wiehed li alluda ghal kanzunetti kantati dwar l-Gharusa tal-Mosta u li kienu ghadhom jitkantaw. It-taghrif hadu minn dan il-manusktritt.

## Xebh bejn l-Gharusa tal-Mosta u x-Scibilia Nobili ta' Marsala

Fl-1932 il-Professur Ettore Rossi eżamina l-Leġġenda Maltija ta' l-Gharusa tal-Mosta biex ixebbahha max-Scibilia Nobili ta' Marsala. L-ikbar xebh jidher fil-fatt li nies l-gharusa ma redux ihallsu l-flus biex jifduha filwaqt li l-gharus jaghmel kollox u jirnexxilu jehlisha.

Kien fl-1929 li Michele Barbi xerred il-LeġġendaTaljana ma' l-Italja. Bronzini ġġudika li t-tema tal-Leġġenda kienet imxerrda ma' l-Ewropa. L-oriġni deher li kien fin-nofsinhar ta' l-Ewropa madwar il-Mediterran u l-mottivi taghha jinfirxu mill-gżejjer Baleariċi sal-Greċja.

Scibilia talbet ghal darba tnejn biex tkun mifdija minn ommha, huha u ohtha, iżda dawn ċahduha. L-gharus taghha biss issogra ġildu. Meta mietu ommha u hutha m'ghamlitilhomx viżtu ghax ma kienx haqqhom. Meta jmut l-gharus taghha imma kienet taghmillu ghax hu dahal ghaliha fis-siegha tal-bżonn.

Ettore Rossi jiddata l-Leġġenda fis-sekli 15 u 16, ma' dik tal-Mosta, imma l-mottivi taghhom imorru lura ghas-sekli 13 u 14 ghax kien f'dak iż-żmien li l-vjolenza tal-kursari ghamlet furur u stabbiliet ruhha. Anton Cremona ppreċiża li l-Leġġenda ta' Malta kienet databbli skond manuskritti storiċi. Rossi jghid li l-Leġġenda kellha oriġni f'Malta. Interessanti li wiehed jiftakar li l-ġrajja saret erba' snin qabel ma ġew il-kavallieri ta' San Ġwann f'Malta. F'xenarju bhal dak kien attraenti li jkollok min jiddefendik iżda kien hemm il-biża' li wiehed jitlef is-sovranità u l-jeddijiet tieghu. L-istorja ta' Malta bejn l-1530 u l-1798 tillustra din id-dilemma.

Barbi juri li l-Leġġenda thalltet b'żewġ mottivi minn żewġ hrejjef bi storja simili. F'wahda Candia jew Canfusa 23 tisfa mahtufa mill-kursari u titlob ghal xejn lil żewġha biex jehlisha u hi tmut. Ballata ohra hi ta' mara mahtufa u titlob ghal xejn lil qrabatha biex jehilsuha. Iddur fuq il-mahbub taghha u meta qrabatha jmutu ma titlaqx mill-ballu u anqas

➡ ikompli paġna 73


ĠITI MAL-EUROTOURS

*Ħejjejna għalikom diversi Tours b' Tour Leader ta' esperjenza, fosthom:*

| | | |
|---|---|---|
| LOURDES | PARIGI u DISNEYLAND | SVIZZERA |
| CRUISES | LOURDES u PARIĠI | RUMA |
| PRAGA | LAKE DISTRICT/SKOZJA | ORLANDO |
| AMERIKA | LAKE DISTRICT/LONDRA | DOLOMITI, |
| COSTA BRAVA | OLANDA/BELGJU/FRANZA | RIVIERA FRANĊIŻA |
| FATIMA | VIENNA/BUDAPEST | LAS VEGAS/LOS ANGELES |





SIEFER B'RASEK MISTRIEĦA

EURO TOURS

Triq Mountbatten, Blata l-Bajda, Ħamrun Tel: 223295 - 233193 - 243641

# Is-Sibi u s-Sibbien fl-istorja tal-Mosta

➡ minn paġna 72

taghmel luttu. Il-luttu taghmlu ghall-mahbub taghha li helisha.

Ballata li ghandha l-istess suġġett dwar it-talba ta' l-imjassra lil qrabatha biex jirriskattawha hi dik ta' **The Maid freed from the Gallows.** Ix-xebba titlob lill-ġenituri ma jhalluhiex tiġi mghallqa billi jhallsu ftit minn dehebhom. Tal-familja jirriffjutaw. L-gharus jidhol ghal gharustu:

"Some of my gold now you shall have,
And likewise of my fee;
For I am come to see you saved
And savèd you shall be."

Mis-sotto-kontinent Slav ta' l-Ewropa, okkupat ghal sekli mit-Torok, taslilna l-istorja tad-Duka Serb Strahinjic Ban, li martu nsterqitlu mit-Torok.

It-tliet temi ewlenin tax-Scibilia Nobili huma l-htif b'qerq ta' 'l-gharusa-omm, it-talba taghha ghall-fidwa u d-disperazzjoni taghha meta jghidulha li gharusha miet. Fil-Leġġenda Maltija hemm it-tliet elementi wkoll: Haġġi jqarraq b'sidu u jġib il-kursari; l-gharusa titlob ghalxejn lil niesha biex jifduha jifdiha Toni taghha; u hi l-gharusa li tmut ftit wara li tinheles filwaqt li l-gharus jitbieghed fuq ix-xwieni ta' l-Ordni u ma jghaddux wisq snin li ma jhallix hajtu fuq ix-xwieni ta' l-Ordni kontra l-Mislem.

Hemm diversi verżjonijiet ta' leġġendi li jixbhu L-Gharusa tal-Mosta barra x-Scibilia Nobili ta' Sqallija. Fil-Marokk l-ilsiera jiġu offruti l-lussu tal-Musulmani u jaqilbu ghal maghhom. Fit-teatru tal-pupazzi tat-Tuneżija naraw lil Nina, bint prinċep Taljan mirbuh minn Ishmael Paxà. Tidher li drat fil-jasar tant li offriet idejha biex tiżżewweġ Tuneżin. Abderrazah. Kienu eluf l-Insara li adattaw ruhhom u rrenegaw il-fidi fl-artijiet fejn inqabdu l-istess bhalma kienu eluf l-Gharab li saru Nsara. Dawn huma fatti storiċi.

F'pittura fuq il-hġieġ, l-eroj ta' Futuh jidher impinġi ma' xebba Nisranija. Din tissahhar wara Abdallah u ssir Musulmana. Isimha hu Lalla Yamina. Tidher fuq żiemel flimkien mal-mahbub taghha.

Dawn ir-ritratti mill-Magreb Marokkin u Tuneżin juru li l-immaġinazzjoni popolari tixtieq lix-xebba ssir Musulmana u tkun mahbuba. L-istess jinghad min-naha ta' l-Insara li dejjem xtaqu li l-prinċipessi Saraċeni li waqghu f'idejhom isiru Nsara u jkunu stmati.

Din mhix ghajr xewqa intrinsika u bażilari f'qiegh il-qalb nobbli u ġenwina tal-bniedem ghall-paċi ma' l-ohrajn. Wara kollox il-prinċipju hu l-umanità u dak li hu komuni fl-umanità mneżża' minn kull preġudizzju jew kondizzjonament kulturali, etniku u kull imma li tifred. Il-holma sublimi li xtaquha ssir realtà sempliċi tidher b'mod qawwi fir-rumanza ta' żmien l-Ingliż Nofsani, miktuba madwar il-bidu tas-seklu tlettax u bbażata fuq oriġinal Franċiż tas-seklu ta' qabel. Floris u Blanchefleur jitrabbew flimkien. Hu kien it-tifel ta' re Saraċin u hi ta' sinjura Nisranija. Jaslu biex jinhabbu iżda Blanchefleur tiġi mkeċċija. Armat b'kikkra prezzjuża u ċurkett maġiku jmur ghaliha u jerġa' jġibha lura. Bil-kunsens ta' l-emir jiżżewġu. Din l-istorja ghandha xebh fi **L-Iljieli Gharbin** u hi suġġett tal-Filocolo ta' Boccaccio. Fi żmien meta l-Islam u l-Kristjaneżmu kienu jitqatlu, ghandna espressjoni artistika u letterarja ta' xi tkun l-imhabba: frott l-operat ta' tnejn li jridu l-ġid lil xulxin u xejn u hadd ma jidhol bejniethom.

➡ ikompli paġna 74


STUNNING TECHNOLOGY FROM

Twinhead

THE NOTEBOOK SPECIALISTS.

intel inside pentium III

Feature packed desktop replacement with Firewire, superb graphics and multimedia.



Plus

- Intel Pentium III (650/800 Mhz)
- XGA 13.3", 14.1", or 15" TFT LCD screens
- Up to 256 Mb SDRAM
- Up to 30 Gb replaceable HDD
- USB Ports
- Stereo Sound System
- Dedicated Internet function hot keys
- CD ROM, DVD ROM or CD-RW options
- Integrated 10/100 network card

STUNNING PERFORMANCE...

Value for Money

All models include 24x CD Rom, Internal 56.6K Modem, Windows 2000, Carrying Case and more.

For more information & specifications please contact

hls INFORMATION TECHNOLOGY

1st. Floor,
74, Constitution Street, Mosta
Tel: 417594, 410039
Fax: 417539, 521100

# Is-Sibi u s-Sibbien fl-istorja tal-Mosta

➡ minn paġna 73

J.J. Camilleri kiteb poeżija **L-Gharusa tal-Mosta.** [24] Lil Marjanna qeghdin jiffesteġġjawha ghax ftit xhur wara, f'April, kellha titgharres. Isem il-mahbub mhux imsemmi. Jiddomina x-xena f'din il-verżjoni hemm Haġġi Mulej, ilsir tal-familja Cumbo. Il-huttab ifittex ghal xejn iċ-ċurkett tat-tieġ. Kien Haġġi li hadhulu minn butu. Giulio Cumbo jfur ghalih u jordna li jissawwat. Fil-verżjonijiet ta' Nicola Zammit, [25] Ġużè Muscat Azzopardi [26] u Vincenzo Maria Pellegrini :[27] Giulio Cumbo hu benefattur ta' Haġġi u jistmah u jhobbu. Haġġi jahlef li jpattiha lil Giulio u fil-fatt jiftiehem mal-kursari f'Wied il-Ghasel. Jisfratta t-tieġ. Jiftah il-bieb tat-torri fil-lejl qabel tiżżewweġ Marjanna (jew Angelica) u t-Torok jehduha Barbarija.

Bidla ohra mill-oriġinal ta' Nicola Zammit hi meta J.J. Camilleri jaghmel lil Marjanna taqleb ghall-Iżlam u l-hajja Musulmana. Flok tmiem traġiku ghalih bhal fl-ohrajn Marjanna saret sultana u s-sultan ta' Barbarija hu hanin u ghani:

"Kull min raha hadd m'gharafha
L-isbah wahda f'Barbarija." [28]

Bhalma hu maghruf tajjeb, kien hemm eluf ta' renegadi li bidlu twemminhom u l-kultura fuq iż-żewġ nahat ta' l-Iżlam u l-Kristjaneżmu u ohrajn li żammew twemminhom iżda kkummerċjaw liberalment, ghalkemm illegalment, mannaha l-ohra u ghamlu kif qablilhom. Ma jfissirx li Marjanna (Angelica), il-persuna storika ghamlet l-istess ghax m'hemmx dokumenti storiċi li jippruvawh dan. Hi Leġġenda varjanti li fid-diversità taghha tahsad u tissorprendi lill-qarrej fil-waqt li tberrahlu ghajnejh ghal fatt komuni hafna f'epoka partikulari li ghaddiet u spiċċat iżda f'fenomenu u esperjenza umana li tibqa' sakemm jibqa' l-bniedem.

## Ġrajja Storika Tixxiebah

Fil-Bibblijoteka Nazzjonali ta' Malta hemm manuskritt b'titlu: **Distinto ragguaglio e relazione del viaggio fatto da me Gaetano Grima assieme con il Revdo.Signore D. Saverio Mifsud con la barca speronara dall'Isola di Malta alla Dominante ed Alma Città di Roma dalli 26 del mese di Aprile 1746 sino lï 15 Maggio do** [25] naqraw din l-ahbar:

"...ed alzandoci da letto verso le hore cinque e mezza ci han detto i Marinari d'aver già passato la Terra di Iaci e in quell'istess'hora abbiam passato la punta di terra sotto Mongibello, dove vi è una Torre detta delli ritirati con alcuni treguini e molto terreno, ove dicono essersi rubbata da' Turchi una sposa nel giorno del suo sposalizio." [29]

Gaetano Grima jirreferi darbtejn ohra ghall-istess fatt storiku fl-1781 u l-1783. Ta' min josserva li l-ġrajja fid-darbtejn ġrat f'torri. Il-frekwenza ta' serq ta' persuni u l-htif ta' gharajjes fit-tieġ taghhom kienu suġġetti popolari u nsibuhom ukoll f'pittura, bhal dik ta' Gabriel Bella fil-gallerija ta' Querini Stampalia, f'Venezja.

Ċertament li fl-gharusa sbejha tal-Mosta jghajjat il-fatt li ma riditx titlaq lil pajjiżha, niesha u twemminha. Dr Nicola Zammit jikteb fir-rumanz tieghu: "La costante virtù della schiava... sfida invincibile tutti i colpi, tutte le insidie della seduzione. [30] Din l-ghajta tfakkarna fl-eroina Yasmin, xebba Arjana li taqbad ix-xabla biex tiddefendi unurha. Irnexxielha

➡ ikompli paġna 75

LAWRENCE FENECH LTD

The natural way to Marble, Granite, Resin & Tiles

Call at our showrooms and see the vast range of genuine materials manufactured and produced to your satisfaction

Mosta Road, Lija, BZN 09 - Malta
Tel: 413542, 415648/9. Fax: 415653

# Is-Sibi u s-Sibbien fl-istorja tal-Mosta

➡ minn paġna 74

sakemm il-forza tan-numri ma pprevalietx kontrieha. L-Gharusa tal-Mosta ghamlet l-istess b'rieda shiha li ma ċċedi ghal ebda tmellisa tas-Sultan u l-kursari tieghu. F'Angelica l-Mostija u Yasmin l-Arjana hemm rieda morali totali filwaqt li fil-wahda, fl-Arjana, hemm ukoll l-abbiltà fiżika li thaddem l-armi.

## Żewġ Ġrajjiet Distinti u Mbieghda minn Xulxin

Fil-Mosta teżisti Leġġenda storika ohra barra dik ta' l-Gharusa tal-Mosta (1526). Kien ghall-habta ta' nofs is-seklu tmintax meta ġara l-fatt. Xebba Mostija li kienet tahdem fl-ghelieqi ftit 'il barra mill-Mosta lemhet il-kursari ta' Barbarija resqin lejha. Halliet kollox u telqet tiġri lejn il-Mosta. Malli ġiet biex taqsam il-wied ghejjiet u dahlet tistkenn f'ghar mimli ghanqbut u tursin il-bir. Bdiet titlob lill-Madonna biex tehlisha mill-furbani u weghditha li ttella' knisja fuq dak il-post. Meta l-kursari qorbu lejn l-ghar ma dahlux ghax raw li l-ghanqbuta kienet intatta u ghalhekk hadd ma seta' dahal. X'hin kienet ċerta li l-kursari tbieghdu marret b'ġirja wahda lejn il-Mosta biex tirrakkonta x'kien ghadda minghaliha.

Il-ġbir ghall-knisja beda fl-1757 u fl-1760 beda l-bini tal-knisja tal-Madonna ta' l-Isperanza. Tlesta fl-1761. Maż-żmien din il-knisja saret ċentru popolari u devot ma' Malta kollha.

Meta wiehed jifli l-metafori u s-simboliżmi li fihom dawn il-leġġendi jkollu jghid li hawn ghandna xi haġa artefatta iżjed milli storika. Hekk il-brimba hi n-nissieġa ta' l-ghanqbut biex tipproteġi lil Kristu, David u Mawmettu u ghalhekk hi habiba vera tal-bniedem. [31] Hekk sabiha x-xbejba Mostija fis-siegha tal-bżonn. It-tursin il-bir jissimbolizza d-diskrezzjoni, segretezza u ghaqal li kienu mehtieġa mit-tfajla fil-qaghda mwieghra taghha. [32] L-istess fl-Gharusa tal-Mosta, meta Angelica tghid li l-fidwa taghha tinkiseb ghal seba' mija, iċ-ċifra hi interpolazzjoni tal-ghannej jew tal-kittieb biex jindika r-riżq u s-suċċess li n-numru sebgha jġib mieghu.

Sinifikanti hafna wkoll huma l-versi liriċi li hallielna Michael A. Sant fi Il-Leġġenda ta' Wied Speranza. [33] Konna tabilhaqq ixxurtjati li sibna poeti li hallewlna versi mirquma fuq din il-Leġġenda storika tant famuża ma' Malta kollha.

Biss ma' dawn l-elementi letterarji li jissapportjaw l-element leġġendarju taż-żewġ stejjer hemm l-istoriċità tal-fatti li ġraw verament fl-1526 u madwar l-1757. Hafna fatti erojċi u anke ordinarji ghaddew ghall-istorja f'tahlita ta' dak li sar u dak li jrid il-poplu fil-heġġa tieghu biex jghanni l-glorji ta' pajjiżu. Żgur li dawn iż-żewġ stejjer storiko-leġġendarji taghna l-Mostin kienu popolari meta l-ballata u l-ghana kollu kienu wiehed mill-mezzi ta' mistrieh u divertiment. Huma fdal nobbli minn dinja li darba kkonfrontat lin-Nisrani kontra l-Mislem. Hi dinja li fuqha ilu li niżel is-siparju imma kienet arena fejn ġie ssagrifikat nghaġ bil-bosta u nharqu wisq nirien ta' mibeghda u vendetta, hlief fejn kien hemm min dabbar rasu, gharaf is-sitwazzjoni ġdida tieghu u b'sens ta' prag-matiżmu u ebda sens ta' lealtà qaleb man-naha l-ohra. Ghad terġa' tisreġ ix-xemx kif darba u nittamaw li issa l-prospetti huma ahjar u r-relazzjonijiet bejn il-popli jkunu bhal ahwa.

➡ ikompli paġna 76

TAHABEL LTD.
J: FERRIGGI
*Rope Dealer*
*'St. Catherine', John Borg Street, Żejtun ŻTN 05*
Tel: 673589 Mobile: 09470351 Fax: 692894

# Is-Sibi u s-Sibbien fl-istorja tal-Mosta

➡ minn paġna 75

L-aspetti negattivi ta' leġġendi bhal L-Gharusa tal-Mosta u San Dimitri (Gharb, Ghawdex) m'ghandhom qatt isibu eku fil-gżejjer la n-naha taghna tax-xatt u lanqas in-naha tal-Magreb. Il-hasra u l-kedda tal-htif tal-bnedmin fl-imghoddi, li niesna messewh b'idejhom, jghallimna nghożżu aktar il-valuri li jghaqqduna. Niesna verament kienu jinghaqdu biex iharsu lil xulxin. B'danakollu ġara wkolll dak li hadd ma kien jistenna. Rahal safa kważi deċimat mill-popolazzjoni tieghu u l-*istandard of living* tieghu wara waqa' hafna minhabba l-flus li ntilfu, il-herba, il-fidwa li riedet tithallas u l-fatt li ma kienx hawn haddiema biex idawru l-magna tal-ġid. L-istorja u l-letteratura juruna biżżejjed kemm kienu horox il-jasasr u s-sibi ghall-popli kollha li daquhom. Donnu holma tahseb li f'artna u madwarna kien hemm movimenti ta' Isiera u kursari iżda żminijiet bhal dawk eżistew tassew u ghadhom jiehdu l-hajja kull meta nqallbu l-kotba ta' l-istorja u nghannu l-ballati li ghad fadlilna.

1 "La pirateria in Mediterraneo è stata un'industria vecchia quanto la storia" **Grande Enciclopedia del mare Curcio Editori.**
2 Mgr A. Mifsud, L'Approvigionamento e l'Università di Malta nelle passate dominazioni fi **Archivum Melitense,** Vol. III, no 5, Luglio 1918, p. 188.
3 Il Dominio dei Cavalieri di Malta a Tripoli 1530-1551 e i rapporti dell'Ordine con Tripoli nei secoli seguenti 1551-1788 fi **Archivum Melitense,** Vol. VI, no 2, 1924, pp.54, 84 (n. 27).
4 Ibid.
5 M. Magri S.J., Missisrijietna u l-Ġganti, 1904, pp. 20-21.
6 G. Finotti, La Reggenza di Tunisi, Malta, 1856, pp. 108-109.
7 "1526: Il Casale della Mosta Ë stato sascheggiato e depredato da Raies Sinen famoso corsaro con alquante galeotte, sbarcando il suo campo nelle saline, passo' al Wiet el Kasel di notte tempo, l'assale e fà prigionieri intorno 4 cento abitatori, oltre quelli uccisi per difendere lor stessi et una sposa con iconvitati tutti adornati, e si senton anchor le canzonette" MS 1146, Vol. I, pp. 256-257.
8 A.G.L. Shw, **Convicts and the Colonies,** Faber and Faber, London, 1966.
9 Frances and Joseph Gies, **Women in the Middle Ages,** Harper Perennial, 1978.
10 Philip K. Hitti, **History of the Arabs.**
11 The Oxford Dictionary of Opera, John Warrack and Ewan West, p. 159.
12 Ir-raġel l-Imqabbad ma' Mohriet.
13 v.Z. (1818), no 537.
14 GottingenĠ Dieterische Buchhandlungġ Leipzig. Fr. Chr. Wilh. Vogel (1853), pp. 147-149.
15 The Violet Fairy Book, Andrew Lang, Longmans, Green and Company 1901.
16 Sup. IV, 1895, pp. 85-87.
17 Ara Anton Cremona: Is the Maid of Musta a Myth: P. 4, (1934).
18 pp. 171-175.
19 Vol. 1, p. 256.
20 E.B. Vella, Storja tal-Mosta bil-knisja famuża taghha, (1930), p. 53, nota 2.
21 G.B. Bronzini, **La canzone epico-lirica nell'Italia centromeridionale,** Volume Primo, Roma, 1956, p. 269.
22 MS 1146, Bibblijoteka Nazzjonali, Valletta.
23 **Donna Candia o Canfusa.**
24 Ara: **Rivista tal-Filarmonika Santa Marija,** Mosta, Awissu, 1998, pp. 47-49.
25 **Angelica, o La Sposa della Mosta,** Malta, 1880 Tipi. Guttemberg. Ippubblikata l-ewwel darba 1862.
26 1878. Traduzzjoni mir-rumanz tat-Tabib Nicola Zammit.
27 Angelica, La Sposa della Mosta. Dramm liriku fi tliet atti. Mużika Carmelo Pace (1972).
28 **Rivista tal-Filarmonika Santa Marija,** Mosta, Awissu, 1998, p. 49.
29 La Leggenda Maltese della Sposa della Mosta f'**Journal of Maltese Studies,** Nos 17-18 (1987-88), p. 169.
30 Angela, o la Sposa della Mosta (1889 pg 306)
31 Gertrude Jobes, **Dictionary of Mythology, Folklore and Symbols,** Part 2. pp. 1482-1483.
32 Ibidem. p. 1046.
33 **Rivista tal-Filarmonika Santa Marija, Mosta.** Awissu, 1998. pp. 67-71.


ALU. CARE MOSTA



For all kinds of aluminium works such as Main Entrance Doors, Gates Fixed and Adjustable Louvers, Doors Windows, Stair Railings etc...
now also available in WOOD COLOURS.
P.V.C. and Fibre Soffit ceilings
Stained and Double Glazed Glass.
Visit us at our Showroom & Office at 168 Constitution Street, Mosta or call on Tel: 433137 - Fax: 417206
Factory: Alu. Care Building, Triq il-Kappar, Mosta
Tel: 438931 Mobile: 0949 5877

24 HOUR REPAIR SERVICE